**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud[1])**
**vs.**

**Paul Xerri**
**Mark Cutajar**
**Aaron Camilleri**

Numru: 71/2008

Illum 7 ta' Frar 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Paul Xerri,** ta' sitta u erbghin (46) sena, iben Anglu u Maria Assunta nee' Vella, imwieled Xaghra, Ghawdex nhar il-11 ta' Frar 1962, residenti fil-fond numru 109, Triq Bullara, Xaghra, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 11862G, **Mark Cutajar,** ta' wiehed u tletin (31) sena, bin Carmel u Maria nee' Debono, imwieled Rabat,

[1] Fit-12 ta' Settembru 2016 l-Ispettur Josric Mifsud b'email informa lid-Deputat Registratur ta' din il-Qorti li minn meta kien trasferit ghal Malta l-kazijiet tieghu ghaddew ghand l-Ispettur Bernard Charles Spiteri

Ghawdex nhar l-20 ta' April 1977, residenti fil-fond numru 89, Triq it-Tigrija, Nadur, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 12977G u **Aaron Camilleri** ta' tmienja u ghoxrin (28) sena, bin Michael u Maria nee' Camilleri, imwieled Rabat, Ghawdex nhar l-10 ta' Jannar 1980, residenti fil-fond numru Wombat Maison, Triq l-Isqof Buttigieg, Nadur, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 4480G, akkuzati talli nhar id-19 ta' Novembru 2008 kmieni filghodu ghall-habta ta' bejn is-02:00hrs u 04:00hrs, gewwa l-Qala:

a) **Mark Cutajar** wahdu talli bi vjolenza, ikkommetta stupru fuq il-persuna ta' **Amanda Parisa Antolini**, liema delitt sar bi hsara ta' persuna li ma kinitx tista' tirrezisti minhabba raguni ohra indipendenti mill-ghemil tal-hati, inkella minhabba l-mezzi qarrieqa li huma nqdew bihom (Art. 198, 201b, 202d tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta):

b) **Paul Xerri** u lil **Aaron Camilleri** talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kkommettew attentat vjolenti ghal pudur li, fih innifsu ma kienx jikkostitwixxi wiehed mid-delitti kkunsmati jew attentati msemmija fl-artikoli 198 sa 206 tas-sub-titolu ll fuq id-delitti kontra l-paci u l-unur tal-familja u kontra l-morali, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Lil **Paul Xerri, Mark Cutajar** u lil **Aaron Camilleri**[2]**:**

c) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi rrendew ruhhom komplici fl-istupru ta' **Amanda Parisa Antolini** billi ghad li ma kienx wiehed mill-persuni msemmija fl-Artikoli 42 (A), (B), u (C), b'xi mod li jkun, xjentement ghen jew assista lill-awtur jew lill-awturi tal-istess stupru fl-atti li bihom id-delitt gie ppreparat jew ikkunsmat {Art. 42 (D)};

d) Ukoll talli bla ordni skont il-ligi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lill-imsemmija **Amanda Parisa Antolini** kontra l-volonta' taghha, liema delitt sar bhala mezz sabiex hija tigi mgieghla taghmel xi haga jew joqoghdu ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghhom (Art. 86 & 87 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

e) u fl-ahhar nett offendew il-pudur jew il-morali b'ghemil li sar f'lok pubbliku jew f'lok espost ghall-pubbliku.

---

[2] Filwaqt li fic-citazzjoni l-imputat Aaron Camilleri kien akkuzat ukoll b'komplicità fl-istupru ta' Amanda Parisa Antolini, dan ir-reat ma huwiex indikat fil-konfront tieghu fl-artikoli. Isegwi ghalhekk awtomatikament li la mhux indikat fl-artikoli, l-imputat Camilleri ma jistax jinstab hati ta tali reat la bhala awtur u lanqas bhala komplici. Huwa principju ben stabbilit fis-sistema gudizzjarja taghna li din il-Qorti hija obbligata li ssib htija o meno biss b'referenza ghar-reati ipotizzati fl-artikoli tal-Ligi indikati mill-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju ghall-gudizju. Konsegwentament, la darba r-reat ta' stupru ma huwiex indikat fl-artikoli l-imputat Camilleri ma jistax jinstab hati ta' tali reat.

Il-Qorti giet mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' tal-imsemmija Amanda Parisa Antolini u l-familji taghha, minn issa tapplika l-provvedimenti tal-Artikoli 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa;

Finalment, il-Qorti hija mitluba sabiex minbarra li tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputati sabiex ihallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti u dan a terminu tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 608) datata 26 ta' Awwissu 2013 li permezz taghha baghat lill-imputati Paul Xerri, Mark Cutajar u Aaron Camilleri biex jigu ggudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

**Fil-konfront ta' Paul Xerri wahdu:**

a. fl-Artikoli 86 u 87(1)(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. fl-Artikoli 207 u 209 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. fl-Artikoli 42(d) u 198 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. fl-Artikoli 382A, 383, 384, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e. fl-Artikoli 17, 23 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Fil-konfront ta' Mark Cutajar wahdu:**

a. fl-Artikoli 198 u 201(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. fl-Artikoli 86 u 87(1)(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. fl-Artikolu 209 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. fl-Artikoli 382A, 383, 384, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e. fl-Artikoli 17, 23, 31, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Fil-konfront ta' Aaron Camilleri wahdu:**

a. fl-Artikoli 86 u 87(1)(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. fl-Artikoli 207 u 209 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. fl-Artikoli 382A, 383, 384, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. fl-Artikoli 17, 23 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi, waqt l-udjenza tas-16 ta' Jannar 2014 (*a fol.* 613 u 614), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fis-26 ta' Awwissu 2013, u f'liema seduta l-imputati ddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef.

Rat illi fis-seduta tal-2 ta' Dicembru 2015 il-Qorti tat cans lill-Prosekuzzjoni u lid-Difiza sabiex jipprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub.

Rat illi l-Prosekuzzjoni baqghet ma pprezentatx is-sottomissjonijiet taghha bil-miktub, minkejja li nghatat il-fakolta' taghmel hekk.

Rat illi fis-17 ta' Ottubru 2016 id-Difiza ghan-nom tal-imputati Paul Xerri u Mark Cutajar ipprezentat is-sottomissjonijiet taghha bil-miktub.

Rat illi fit-8 ta' Novembru 2016 id-Difiza ghan-nom tal-imputat Aaaron Camilleri pprezentat is-sottomissjonijiet taghha bil-miktub.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

**KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI GENERALI**

**Dewmien ta' procedura**

Il-Qorti tinnota li l-proceduri marbuta ma' dan il-kaz bdew fl-2008. Bejn l-2011 u l-2016 ma nstema' l-ebda xhud.

Jirrizulta mill-atti u mill-verbali relattivi li kienet din il-Qorti kif diversament preseduta li, wara snin twal fejn il-prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova fil-kumpilazzjoni u wara numru ta' verbali mill-Qorti stess fejn il-prosekuzzjoni giet sollecitata diversi drabi

sabiex tressaq u taghlaq il-provi[3], izda dan ma sarx, tant li fis-16 ta' Jannar 2014, il-Qorti ddikjarat il-provi tal-prosekuzzjoni maghluqa.

Ghalkemm kien hemm hafna istanzi fejn l-ufficcjal investigattiv Spettur Josric Mifsud deher bhala prosekutur fil-proceduri odjerni, u ghalkemm kien hemm numru ta' verbali fejn huwa gie mitlub biex jaghti x-xiehda tieghu, l-ufficcjal investigattiv ma xehedx u lanqas ipprezenta l-istqarrijiet li kienu ttiehdu lill-imputati.[4]

> Il-Qorti tordna lill-Ispettur Mifsud sabiex jattendi ghas-seduta li jmiss sabiex jaghti x-xhieda tieghu u jesebixxi l-istqarrijiet tal-imputati.[5]
>
> Il-Qorti tigbed l-attenzjoni tal-Ispettur Josric Mifsud illu huwa ghadu ma tax ix-xhieda tieghu f'din il-kawza u lanqas ghadu esebixxa l-istqarrijiet tal-imputati ghalkemm ix-xhieda kollha tal-prosekuzzjoni diga nstemghet. Il-Qorti qeghda taghmilha cara illi jekk l-Ispettur mhux ser jattendi fis-seduta li jmiss u jaghti x-xhieda tieghu, il-Qorti ser tghaddi biex tiddikjara l-provi tal-Prosekuzzjoni maghluqa u tibda biex tisma l-provi tad-difiza.[6]
>
> Il-Qorti tordna notifika ta' dan il-verbal lill-Ispettur Josric Mifsud li ghandu jattendi fis-seduta li jmiss sabiex jixhed u jesebixxi l-istqarrijiet tal-imputati.[7]

---

[3] Fis-seduti tat-12 ta' Settembru 2013, 24 ta' Ottubru 2013, 5 ta' Dicembru 2013 u 16 ta' Jannar 2014
[4] Tali stqarrijiet jinsabu biss fir-rapport ta' Dr. Mario Scerri izda m'humiex konfermati bil-gurament mill-Ispettur Josric Mifsud.
[5] 12 ta' Settembru 2013
[6] 24 ta' Ottubru 2013
[7] 5 ta' Dicembru 2013

> Il-Qorti tirrileva illi l-Ispettur Josric Mifsud ripetutament gie ordnat minn din il-Qorti sabiex jattendi biex jixhed u jesebixxi l-istqarrijiet tal-imputati u dana ghalkemm il-provi tal-prosekuzzjoni nstemghu kollha. Il-Qorti ghalhekk qeghda tiddikjara l-provi tal-prosekuzzjoni maghluqa.[8]

F'dan ix-xenarju ta' dewmien bla bzonn, din il-Qorti ittenni dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza "Il-**Pulizija vs. Anthony Azzopardi**" [4.2.2010] u cioe' li:-

> *"dan id-dilungar zejjed biex jigu decizi kawzi fil-Qrati tal-Magistrati bhala Qrati ta' Gudikatura Kriminali, wara li l-Avukat Generali jkun baghat l-artikoli, qed johloq znaturazzjoni tal-processi kriminali li min-natura taghhom ghandhom jigu decizi kemm jista' jkun malajr kemm fl-interess tal-persuna akkuzata u kif ukoll fl-interess tas-socjeta' li f'isimha tkun qed issir il-prosekuzzjoni. Huma l-gudikanti li jirregolaw it- tempo li bih titmexxa – jew ma titmexxiex - kawza. Din is-sitwazzjoni, li ma tikkoncernax biss din il-kawza, mhix accettabbli u hemm bzonn li tigi korretta b'mizuri legizlattivi li jassikuraw li dawn il-kawzi jigu decizi fi zmien ragjonevoli izda li jkun mandatorju u stabbilit bil-ligi."*

Dwar dan esprimiet ruhha l-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza **Samuel Onyeabor vs. Avukat Generali** deciza nhar it-Tnejn 14 ta' Dicembru 2015:

[8] 16 ta' Jannar 2014

*Fil-fatt eżami tal-proċess ta' kumpilazzjoni juri illi d-dewmien kien mhux minħabba l-komplessita` tal-każ jew minħabba l-volum ta' xhieda, iżda minħabba l-mod kif il-proċess tmexxa, li juri illi n-nuqqas aktar milli f'parti jew f'oħra qiegħed fis-sistema nnifsu, li ma jħallix li proċess jibda u jintemm iżda jitkarkar: il-gbir tax-xiehda jsir bin-nifs, seduti jinħlew billi jinstema' biss xhud wieħed għal ftit minuti, seduti oħra jkollhom jitħassru għax lill-Qorti stess jew lill-Prosekuzzjoni jidħlilhom xogħol ieħor aktar urġenti u jitħassru wkoll seduti għal raġunijiet varji. Naturalment, aktar ma l-proċess jieħu fit-tul, aktar tqum il-possibilita` li jinqalgħu ostakoli, li jkomplu jwasslu għal aktar dewmien.*

*[…]*

*Ma nistgħux ma ngħidux ukoll, iżda, illi hemm nuqqasijiet ukoll min-naħa tal-operaturi tas-sistema, għax hija l-inerzja li twassal biex l-affarijiet inkomplu nagħmluhom b'dan il-mod "għax dejjem hekk sar", u għalhekk, għalkemm nafu li jsiru ħażin, inkomplu nagħmluhom hekk.*[9]

**Preliminari**

Din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Quddiemha persuna jew persuni jigu mixlija li wettqu reati kriminali. Il-Qorti hija adita bl-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha u li jkunu maghmula mill-prosekuzzjoni. Hemm limitu kemm il-Qorti tista' tkun flessibbli fir-

[9] Rikors numru 18/2014 TM, Imhallef Giannino Caruana Demajo (Agent President), Imhallfin Noel Cuschieri u Joseph Zammit McKeon.

rigward tal-interpretazzjoni tal-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha.

Għalkemm verament li l-komparixxi li fuqha hemm l-imputazzjonijiet hija ritenuta bħala *un avviso a comparire,* l-imputazzjonijiet huma dejjem ta' indoli penali. Ir-regoli tal-procedura ma jistgħux jigu interpretati b'mod wiesa' tali li l-parametri tal-azzjoni penali jigu spustati jew mibdula. Altrimenti d-difiza ma tkunx tista' tiddefendi ruħha kif jixraq.

Quddiem din il-Qorti jekk persuna tinstab ħatja teħel piena. Jekk ma tinstabx ħatja tigi meħlusa mill-imputazzjonijiet dedotti. Il-valutazzjoni dwar jekk persuna tkunx ħatja jew le tiddependi dejjem fuq il-provi li jingiebu quddiemha (u quddiem ebda post jew medium ieħor) u l-istess valutazzjoni hija marbuta mal-imputazzjonijiet kriminali li jkunu gew miktuba u prezentati quddiemha mill-Pulizija Ezekuttiva jew skont kif ikunu gew mizjuda jew mibdula fl-istadju opportun – u dejjem mhux aktar tard minn meta l-Prosekuzzjoni tkun iddikjarat il-provi tagħha magħluqa. Altrimenti jekk ma jkunx hekk l-akkuzatur ikun jista' jbiddel il-parametri tal-azzjoni penali skont meta jidhirlu u skont l-andament ta' dak li jkun qed iseħħ jew li jkun irrizulta matul il-kors tal-process penali.

Għalkemm hemm element ta' flessibilita' provdut minn certu gurisprudenza fir-rigward tal-procedimenti quddiem dawn il-Qrati

ta' gurisdizzjoni limitata, din il-flessibilita' trid tkun tali li ma tkunx ta' pregudizzju għall-proceduri penali u għad-drittijiet tad-difiza.

Is-setgħat ta' din il-Qorti u r-rimedji li din il-Qorti tista' tagħti f'kull kaz huma limitati u ristretti għal dawk li huma previsti mill-Ligi u fil-Ligi. Din il-Qorti ma għandiex is-setgħa, ossia *carte blanche* li tiddeciedi kif trid u tipprovdi kull rimedju li jidħlilha f'moħħa jew li trid jew li tkun tixtieq tagħti. Il-provvedimenti tagħha huma limitati għal dawk provduti fil-Kodici Kriminali.

Din il-Qorti ma tistax tieħu post jew tissostitwixxi l-Qorti Civili kompetenti jew tagħti rimedji ta' natura civili li ma humiex prevvisti mill-Kodici Kriminali bħala li jistgħu jigu emanati minn Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

F'kull kaz pero, stante li din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali hija marbuta bit-termini tal-imputazzjoni skont kif spjegat aktar 'il fuq. Aktar minn hekk quddiemha huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-kaz tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinciment morali u sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Mill-banda l-oħra jekk id-difiza tagħzel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet kif sar f'dan il-kaz, huwa bizzejjed għad-difiza li tikkonvinci lil Qorti bit-tezi tagħha fuq bazi ta' konvinciment morali li jistrieħ fuq bilanc ta' probabbilita u f'kaz li dan iseħħ, u l-Qorti ma tħossiex moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputati.

Dawn huwa principji kardinali li jsawru l-procediment penali Malti. Jogħgbuna jew ma jogħgbuniex, dawn huma wħud mir-regoli bazilari li jistrieħ fuqhom il-procediment penali Malti.

Biss din il-Qorti ma tistax tieqaf hawnhekk. Hija marbuta li tiggudika dan il-kaz skont l-akkuza li giet magħmula mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputati u ma tistax tbiddel hi bis-setgħa tagħha stess il-parametri tal-kawza intrapriza mill-Prosekuzzjoni u tiddeciedi kif jiftlilha jew tmur lil hinn mill-imputazzjonijiet prezentati lilha mill-Prosekuzzjoni.

**Oneru tal-Prosekuzzjoni**

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputati huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

> *"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali kunflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat. Pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Graham Charles Ducker**:

*"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

Il-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, waqt li d-difiza trid tipprova d-difiza taghha fuq bazi ta' probbabilita'.

Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija v Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller v Minister of Pension** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni '*proof beyond a reasonable doubt.*'

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor.

**Apprezzament tal-provi fl-assjem:**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il- Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

***XHIEDA***

F'dan il-process xehdu wiehed u tletin (31) xhud kif gej:

*PS676 Edelon Spiteri (a fol. 55 et seq.), Amanda Parisa Antolini (a fol. 62 et seq.), Max Xuereb (a fol. 102), PC1525 Patrick Farrugia (a fol. 118 et seq.),WPS148 Denise Camilleri (a fol. 130 et seq.), Max Xuereb (a fol. 140 et seq.), Anthony Refalo (a fol. 143 et seq.), Dr. Marlene Attard (a fol. 158 et seq.), PS36 Sergio Azzopardi (a fol. 178 et seq.), Marisa Cassar (a fol. 190 et seq.), Anthony Refalo (a fol. 201 et seq.), Charlotte Evans (a fol. 203 et seq.), WPC37 Sarah Dimech (a fol. 225), Dr. Mario Scerri M.D. (a fol. 234 et seq.), PS559 Jason Spiteri (a fol. 300), PS369 Joseph Mizzi (a fol. 301), Joseph Mallia (a fol. 326), Joseph Mallia (a fol. 336 et seq.), PC1005 Mario Cordina (a fol. 383 et seq.), Dr. Carmelo Galea (a fol. 415), PC138*

*Joseph Portelli (a fol. 416), PC1384 Felix Sammut (a fol. 417), Max Xuereb (a fol. 422), Anton Mizzi (a fol. 424), WPC133 Althea Sammut (a fol. 488 et seq.), PC138 Joseph Portelli (a fol. 490 et seq.), PC1384 Felix Sammut (a fol. 492), Charlotte Evans (a fol. 521 et seq.), l-imputat Mark Cutajar (a fol. 642 et seq.), l-imputat Paul Xerri (a fol. 650 et seq.) u l-imputat Aaron Camilleri (a fol. 657 et seq.).*

**Din il-Qorti ghalkemm mhix f'posizzjoni vantaggjuza hdejn Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex hija ma ghexietx il-process kollu tul medda ta' zmien u ghalhekk hija mhix f'posizzjoni, li tanalizza l-komportament tax-xhieda kollha li xehdu viva voce, tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom, stante li ma kinitx hi stess li kkonstatat x'interess seta' kellu xi xhud f'data li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.**

**Amanda Parisa Antolini**[10] xehdet:

> *"I don't remember leaving the bar, start to go a little bit blank. All I remember that me and Charlotte were having a laugh and then I remember having, not an argument, but a disagreement with Charlotte. I remember her saying that we had to go, she was worried about her boyfriend and she is always complaining about her boyfriend. So I was saying to her like, 'why do you always worry. He doesn't treat you right.' That sort of thing. I remember having that. And after that conversation I don't remember what happened after that."* (a *fol.* 66)

[10] Seduta 2 ta' Dicembru, 2008 *a fol.* 62 *et. seq.*

*"The next thing I remember is being in either a house or in an apartment, I remember sitting on the edge of a bed, sitting there on the edge of the bed. And I remember seeing Aaron."* (a *fol.* 66)

*"… I remember saying 'I don't want to be here. I want to go home.' 'I don't want to be here.' I said that twice …"* (a *fol.* 67)

*"… And then I remember him coming, his face coming close to mine, and then I think he tried to kiss me and I said 'no. Leave me alone, I don't want to be here. I have a boyfriend, I want to go home.' That's the only thing I remember on that part. And then the next thing I remember is being on my knees in Qala near my apartment, there is this house, it's a shell form house, and I remember me being outside on my knees, and I remember kept saying my name, I kept on saying my name and then I remember Mark's face coming towards and like putting his hands on my shoulders and then I pushed him away saying, 'let go off me!' and then I remember banging on Charlotte's door. Those are the things I can remember. My mind was going blank certain parts of the night."* (a *fol.* 67)

*"Il-Qorti: When you were in Qala on your knees was there anybody else with you?*
*"Xhud: All I can remember seeing was Aaron."* (a *fol.* 68)

*"Il-Qorti: In the room, in the bedroom you mentioned, were there any other men besides Aaron there?*
*"Xhud: No, all I saw was Aaron."* (a *fol.* 70)

*"Il-Qorti: … So you told Charlotte they raped you, 'they raped me.' Do you remember anybody raping you?*
*"Xhud: Yea, at the time, yes, I did remember, but now I can't remember exactly how it happened."* (a *fol.* 72)

*"Il-Qorti: Do you remember Mark?*
*"Xhud: Mark, I remember seeing him at the bar then I remember him coming towards me.*
*"Il-Qorti: Where?*
*"Xhud: I do not know where it was, his face walking towards me. It must have been somewhere dark, it was dark. And then I remember me saying, 'no! Get off! Go!' I remember pushing them away. And that's all I remember of him."* (a *fol.* 75)

*"Il-Qorti: And Paul?*
*"Xhud: I was having a conversation with him, not a proper conversation, talking to him a bit at the bar and that's all I remember of him."* (a *fol.* 75)

*"Il-Qorti: So you remember being quite drunk?*
*"Xhud: Not drunk that I couldn't stand up, no. I was just happy drunk, in a giggly mood, you know, that sort of drunk. I wasn't like paralytic drunk."* (a *fol.* 90)

*"Il-Qorti: You just remember telling Charlotte that they raped you but you don't actually remember them raping you?*
*"Xhud: No, my memory has gone blank."* (a *fol.* 96)

Dwar x'gara fis-sieghat bikrin tad-19 ta' Novembru sena 2008 xehdet il-habiba ta' Amanda Parisa Antolini, **Charlotte Evans**[11]:

*"I recall that the argument got a bit bigger and Aaron tried to separate us because Amanda was holding on to me trying to convince me to stay."*[12]

[…]

*"there was nothing stopping us therefore from us walking back to my apartment."*

*"I am being asked how we ended up in Qala when we were only two minutes away from my apartment in Nadur, I recall that Amanda must have suggested that we go over to her apartment in Qala and this is why we ended up then in Qala."*

*"I am being asked whether at Aaron's restaurant I suggested that we should leave, I remember that when we were there and all throughout, I was telling Amanda that we should leave and she*

[11] Seduta tas-7 ta' April 2009
[12] *a fol.* 204

*wanted to stay a bit more."*

*"And she was adamant when we were in Qala that she didn't want to come back with me in Nadur. All this was happening when there were three other men with us. I must say that Amanda was telling em that I was afraid of my boyfried and that he does not give me enough freedom infront of these three men. And Amanda also has a boyfriend, but her boyfriend, as I have already stated, was in Malta."*[13]

*"The argument got quite heated, as I have already testified.....to the extent that Aaron had to separate us. The next thing I remember was telling somebody to drop me off at the of the hill....I must say that nobody molested me, however. I got home safe and sound even though I was drunk."*

*"When I wanted to go back home, in fact, I was driven home, but I do not remember by whom. I did not had any problems in getting back home. I must state however, that Amanda did not want to come back to my place in Nadur, she wanted to stay in Qala. I do not know whether she wanted to stay there with these three men or not. However she stayed in Qala voluntarily. She stayed there with these three gentlemen."*[14]

Ix-xhud Evans tispjega x'gara meta Amanda Parisa Antolini meta marret thabbat u twerzaq wara l-bieb taghhom:

---

[13] *a fol.* 208
[14] *a fol..* 209

*"After this incident I found out that in actual fact Amanda did not have the keys to her apartment because she had lost them someway throughout the evening, but at that point in time I did not notice. I found out this when she came banging on the door of my apartment, she was telling me that somebody had taken her keys and that she did not have her keys."*[15]

Charlotte Evans giet riprodotta mill-prosekuzzjoni sentejn wara li xehdet l-ewwel darba[16]. Fit-tieni xiehda taghha tghid:

*"Her exact words, were, that it was my fault. She started shouting at me, screaming like it was my fault because I left her, and her exact words were, 'two of them did bad things?' and I said, 'Who? Which ones?' and she couldn't name them and then it changed the three of them and it kept swapping and changing. First she said Aaron and Mark, then she said the other one, then she said all of them; it kept changing from two to three of them."*[17]

*"Inspector Josric Mifsud: Was she specific, in what they did?*
*"The Witness: Not at first. Not straight away.*
*"Inspector Josric Mifsud: And? Later on?*
*"The Witness: Later on, yes, she said that they raped her. Later on, but much later.*

[15] *a fol.* 205
[16] Seduta tas-26 ta' Mejju 2011
[17] *a fol.* 521

*"Inspector Josric Mifsud: Much later. How much later?*

*"The Witness: Maybe thirty (30) minutes, I think when she was in the ambulance."*[18]

**PS 676 Edelon Spiteri**[19] xehed hekk:

*Nhar id-dsatax (19) ta' Novembru tal-elfejn tmienja (2008) ghall-habta tal-erbgha u nofs ta' filghodu (4:30am) dahlet telefonata l-ghassa r-Rabat, Ghawdex, fejn Anthony Refalo cemplilna u qalilna li kellu bzonn assistenza peress li habiba tieghu certu Amanda Parisa Antolini kienet giet stuprata.*

*Meta wasalt fid-dar tas-sur Refalo, gon-Nadur, Ghawdex, jien kont kellimt lil Ms Charlotte Evans li hi l-gharusa tal-imsemmi Refalo, kif ukoll lil Refalo, li dawn qaluli li ftit qabel kienu reqdin, semghu t-tahbit fuq il-bieb u kif marru jifthu sabu lil habiba ta' Charlotte, l-imsemmija Amanda, bil-bra f'idha li bdiet tibki u tghajjat u filwaqt li qalet lil Charlotte, qalilha: "Why did you leave me alone?! You'rs supposed to be my best friend. Look what they did to me! They had sex with me. It was not my fault. I tried to stop them. Look at my hands what they did to me." U Amanda qaluli li waqghet fl-art. Fil-fatt jien dak il-hin hin x'hin dhalt gol-flat lil Amanda sibtha qeghda kobba fl-art hdejn saqajn Charlotte li kienet qed tipprova tikkalmaha.*

*Jien minnufih pruvajt nigbor l-informazzjoni li stajt minghandha peress li hi kienet tidher agitata hafna u hi qaltli li l-persuni*

[18] *a fol.* 522

[19] Seduta tat-2 ta' Dicembru 2008

*nvoluti kienetu certu Aaron li jiehu hsieb bar li jinsab fil-pjazzetta fin-Nadur, Ghawdex kif ukoll shabu, li indikatli wiehed li jghidulu l-Bajda u l-iehor li hi ma kinitx taf x'jismu. Hi, dak il-hin, x'hin ghidilha min ghamel l-att maghha, hi bdiet tindikali lil Aaron bhala l-persuna li kellu x'jaqsam maghha u persuna ohra li ppruvat taghmel maghha izda li hi mbuttatu.*

*Meta jiena ghidtilha fejn gara hi qaltli li aktar kmieni kienu jixorbu d-dar fejn kont mort inkellimha jiena mal-habiba taghha u ma' Refalo, qaltli mbaghad iddecidew li jmorru jiehdu drink fil-bar li hemm wara l-knisja tan-Nadur li jismu Anthony's Restaurant u x'hin kienu hemmhekk sehbitha Charlette ddecidiet li titlaq u hi baqghet fitt iehor ghaliex kien se jwassalha l-imsemmi Aaron.*

*[…]*

*Nghid li illi Anthony u Charlotte kienu qeghdin hemm peress illi din kienet ir-residenza taghhom. Nghid illi Charlotte kienet tirrisjedi f'dan l-appartament flimkien mal-boyfriend taghha Anthony filwaqt li Amanda kienet tirrisjedi x'imkien gewwa l-Qala.*

*[…]*

*Nghid illi dak il-hin Amanda kienet tidher pjuttost bezaghna. Fl-opinjoni tieghi personali kienet, anzi l-ewwel impressjoni li hadt kienet meta kellimthom illi Amanda u Charlotte kellhom qishom xi haga x'jahbu. Nghid illi jiena hadt din l-opinjoni peress illi kien hemm certu inkonsistenza meta kont qieghed nigbor il-*

*verzjonijiet taghhom. Nghid illi anke meta giet hi biex taghtini xi risposta Amanda keinet l-ewwel thares lejn Charlotte mbaghad twegibni.*

*Nghid illi jiena osservajt illi Amanda kellha xi grif f'idejha pero' aktar griehi jiena ma osservajtx.*

*[…]*

*Jiena fl-ebda hin ma ezaminajt il-persuna tal-allegata vittma. Dana jiena qieghed nghid illi rajt li ma kelliex feriti minn dak illi kont qed nara vizivament dak il-hin. Dak il-hin niftakar li Amanda kienet liebsa Jeans u top sewdieni; ma niftakarx jekk it-top kellux kmiem twal jew le. Nghid illi l-grif li osservajt kienu fil-palma ta' idejha. Anzi ghandi nghid illi jiena rajt mhux grif izda sinjali ta' hmura u dawn kienu fuq il-wicc tal-id u cioe' fuq in-knuckles.* (a *fol.* 55 *et. seq.*)

**Anthony Refalo[20]** xehed:

*"Hija bdiet titmeighek mal-art u taghti go rasha, kienet tidher mifxula, lili qaltli, 'inti mur 'il hemm', u lil girlfriend tieghi [Charlotte Evans] bdiet tghidilha, 'ghalfejn hallejtni wahdi.' Jiena ridt nehodha l-isptar izda hi ma riditx tigi mieghi u ghalhekk inzilt nitlob l-ghajjut lil gar tieghi izda huwa qalli li kien ikun ahjar li ncempel lill-pulizija u jien ghalhekk hekk ghamilt."* (a *fol.* 143)

[20] Seduta tat-13 ta' Jannar 2009

L-**<u>imputat Mark Cutajar[21]</u>** spjega li wara li, flimkien ma' Paul Xerri, wassal lil Charlotte Evans id-dar, sab lil Amanda Parisa Antolini li bdiet tigbdu lejha u titolbu jkollu x'jaqsam maghha. Bdiet tkellmu bl-Ingliz u tghidlu "come…". Huwa accetta l-invit u kellu x'jaqsam maghha. Huwa jghid li Antolini fl-ebda mument ma ghamlet xi rezistenza. Ftit tal-hin wara staqsietu biex imorru fl-appartament tieghu u hekk ghamlu. Hemmhekk raqdu magemb xulxin. X'hin qamet Antoloni rrealizzat li kienet tilfet ic-cwievet u peress li hasbet li halliethom ghand Evans, Mark Cutajar stess wassalha bil-mixi id-dar ta' Evans u imbaghad mar lura fl-appartament tieghu. Huwa qal li dak li sehh kien wiehed kompletament konsenswali.

L-**<u>imputat Paul Xerri[22]</u>** ikkonferma dak li kien qal l-ko-imputat Mark Cutajar li xehed qablu. Fix-xiehda qasira tieghu huwa jispjega t-trawma li ghadda minnha u li ghadu ghaddej minnha sallum anke minhabba l-fatt li ilu sospiz mix-xoghol minn dakinhar tal-allegat incident.

L-**<u>imputat Aaron Camilleri[23]</u>** xehed dwar is-sekwenza ta' kif graw l-affarijiet matul il-lejl u jispjega kif x'hin shabu marru jwasslu lil Charlotte Evans id-dar in-Nadur kienet l-allegata vittma stess li uriet ix-xewqa li tibqa' l-Qala flimkien mieghu. L-imputat jghid li kienet Amanda li:

[21] Seduta tas-26 ta' Jannar, 2016
[22] Ibid.
[23] Seduta tal-1 ta' Gunju 2016

*"aw riddet tahxini bil fors, fuck me, u –fuck me u insomma bedjna u jien ma komplejtx ghax ma qamlix insomma u ridet tahxini bil fors. Umbghad gew maghhom dawn u kompliet maghhom hi."*

Qal li qatt ma qaltlu jieqaf, anzi kienet hi stess li bdiet:

*"tissikkani biex iktar nitbewsu u biex nahxiha u tghidli "fuck me"". "Nezghet hi… anzi tghidli biex immur iktar maghha.Far from biex nieqaf zgur".*

L-imputat Aaron Camilleri temm ix-xiehda tieghu billi qal li huwa l-vittma u mhux Amanda, qal li kienet dahqet bih:

*"Jien qisni, qisni bhal fatt tnejket bija … Mhux hi!....fejn qieghed. Disa' snin ilna hawn. Dawn mhux disa' snin mohlijin minn hajti!"*[24]

**<u>Ix-xiehda tal-espert tal-Qorti Dr. Mario Scerri u t-tabiba Dr. Marlene Attard</u>**

Il-Qorti thoss li x-xiehda forensika ta' Dr. Mario Scerri u dik medika ta' Dr. Marlene Attard huma krucjali biex ikun deciz dan il-kaz:

[24] A fol. 659

Fix-xiehda tieghu **<u>Dr. Mario Scerri</u>** qal:

*"Ghandi nghid illi minn ezami li sar fuq l-allegata vittma, Amanda Parisa Antonini [recte: Antolini], irrizulta li hi kellha xi grif u xi tbengil pero` nghid illi dawn il-griehi kienu griehi ta' natura hafifa. Mhumiex kompatibbli ma' xi swat jew xi daqqiet u lanqas huma kompatibbli mal-uzu ta' xi vjolenza fuqha.*

*"Innutajna ukoll illi kienet fi stat ta' sokor. Fil-fatt nghid illi l-ewwel taghtna verzjoni, imbaghad bdiet tbiddel il-versjoni taghha. Pero` nghid illi fil-konkluzzjonijiet tieghi indikajt dan kollu. Indikajt ukoll illi l-griehi kienu ta' natura hfief.*

*"Ghandi nghid illi fil-versjoni originali li taghtna hija indikat persuna wahda li kienet stupratha u cioe` persuna bl-isem ta' Aaron. Izda nghid illi mbaghad biddlet il-versjoni taghha; bdiet issemmi nies ohra u kwazi lil dan Aaron insietu. Fir-rapport tieghi hemm kollox imnizzel bil-miktub."*[25]

It-tabiba **<u>Dr. Marlene Attard</u>**, li ezaminat lil Amanda Parisa Antolini fil-*Casualty* meta dakinhar tal-allegat stupru ddahlet l-Isptar f'Ghawdex, xehdet:

*"Ghandi nghid illi l-feriti illi jiena rriskontrajt kienu fil-maggor parti taghhom konsistenti f'abrazjonijiet u cioe` grif superficjali u*

[25] *a fol.* 234-235

*ma kien hemm l-ebda ferita ohra ta' natura aktar gravi. Nghid illi kif qed jigi suggerit lil mid-Difiza, jista' ikun illi dawn il-griehi jigi kkagunati meta bniedem ihokk ma' xi haga iebsa."*[26]

*"Nghid illi l-pazjenta ghalkemm kellha rieha ta' xorb kienet alert, kienet taf x'qieghed jigri u lili rrakontatli d-dettalji li nizzilt fil-case history li ghadni kemm xhedt dwarha."*[27]

*"Nghid illi l-hwejjeg li kellha fuqha l-pazjenta meta giet l-Isptar ma kienux imqattghin jew ma kienx hemm xi sinjali li intuza xi forza fuqha."*[28]

Ix-xhud **WPS 148 Denise Camilleri**, li hadet ir-ritratti tal-allegata vittma spjegat:

*"Nghid illi jiena niehu ritratt ta' dehra generali mbaghad niehu ritratti ohra close ups. Nghid illi mill-qadd 'il isfel ta' din il-persuna jiena ma gejt indikata ebda marki. Nghid illi fil-fatt il-vittma ma urietni l-ebda marki ohra.*

*"Qed nigi mistoqsija jekk kienx hemm marki per caso fuq in-naha ta' wara tal-warrani taghha jew inkella fil-koxox, nghid illi l-vittma ma ndikatli l-ebda marka f'dawn il-partijiet ta' gisimha.*

[26] *a fol.* 160
[27] *a fol.* 161
[28] *a fol.* 161

*"Nghid illli ghar-rigward tal-marki fl-idejn dawn l-offizi nstabu biss fuq in-knuckles, biex inkun preciza ghar-rigward ta' marki fuq is-swaba jew il-pala tal-id. Jiena nghid illi fuq il-pala jew fuq is-swaba tal-id kien hemm biss il-marki li jiena hadt ritratti taghhom fin-knuckles."* (a *fol.* 131)

**Verzjonijiet differenti**

Il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet ta' dak li effettivament gara u cioe' l-verzjoni ta' Amanda Parisi Antolini li tallega dwar x'sehh f'dak il-lejl u li ghandhom iwiegbu ghalih l-imputati u l-verzjoni tal-imputati li jichdu b'mod assolut dak li gie allegat fil-konfront taghhom u jispjegaw dak li sehh fuq stedina ta' Amanda Parisi Antolini.

Il-Qorti tinnota li f'dan il-kaz hemm persuni indipendenti Charlotte Evans u Anthony Refalo li jistghu jirrakkuntaw dwar dak li sehh qabel l-allegat incident u wara. Hemm ukoll ix-xiehda tal-espert mediku forensiku Dr. Mario Scerri, tat-tabiba Marlene Attard u tas-Surgent PS676 Edelon Spiteri li jaghtu lill-Qorti certu direzzjoni fl-analizi taghha biex tasal biex tiddeciedi.

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi bhala gudikant il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hix kostanti u ta' fatturi ohra tax-xhieda

tieghu u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jason Lee Borg u Alan Camilleri** mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hmistax ta' Gunju, 1998:

> "*Provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioe' mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u li jwasslu, mehuda lkoll flimkien, ghal konkluzzjoni li kien l-akkuzat u hadd aktar, anzi l-akkuzat biss, li kien il-hati u li l-provi li tressqu kienu nkompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu.* "

Fil-fatt skont sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sitta ta' Mejju, 1961 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil** gie ritenut li:

> "*l-prova indizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova talvolta hija tant li tipprova fatt bi precizjoni matematika.*"

L-Archibold fil-**Magistrates' Courts Criminal Practice 2017**[29] jghallem li:

[29] Pg. 596: 10-4

Circumstantial evidence has been defined as *"… evidence of surrounding circumstances which, by undesigned coincidence, is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics"*; Lord Hewart C.J. in *Taylor, Weaver and Donovan*, 21 Cr.App.R. 20, CCA at 21.

Lord Normand in *Teper v. R.* [1952] A.C. 480, PC at 489, stated in relation to circumstantial evidence that:

*"It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another … It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference."*

On the other hand it has been said that circumstantial evidence is often the best evidence. It is no derogation of evidence to say that it is circumstantial: *Taylor, Weaver and Donovan*.

Kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fis-sentenza moghtija fis-17 ta' Gunju 1998 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs David Gatt:**

"*Provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf b'sensiela ta' ghoqiedi li jorbtu ma' xulxin u li flimkien jwasslu fl-istess direzzjoni.*"

Illi fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede superjuri) fil-kawza fl-ismijiet ir-**Repubbblika ta' Malta v Angel sive Angelo Bajada** tal-15 ta' Mejju 2009 intqal illi:

*'L-assjem tal-provi kien tali li a bazi tieghu l-gurati setghu ragonevolment u b'konvinciment morali trankwill ghall-aħħar jaslu għall-konkluzjoni la ma jemmnux dak li qed isostni l-appellant u jsibu li l-provi jwasslu inekwivokabbilment ghall-ħtija tiegħu. L-indizji, biex jagħmlu prova, jeħtieg li jkunu univoci'.*

**L-istqarrija ta' ko-okkuzat**

Id-difiza tat-tliet imputati qeghdin isostnu li l-istqarrijiet tal-imputati ma humiex ammissibbli bħala prova f'din il-kawża: forsi *'ex abundantia cautela'* għaliex dak li jipprovdi l-artikolu 658 huwa pjuttost ċar fir-regoli li jistabbilixxi dwar meta u fejn stqarrija ta' ko-akkużat hija ammissibbli bħala prova favur jew kontra ko-akkużat ieħor, u f'liema kontest ko-akkużat jista' jixhed fil-konfront ta' ko-akkużat ieħor.

Illi dan jirriżulta ċar minn dak enunċjat fl-Artikolu 636(a) u (b) tal-Kodiċi Kriminali, u anke minn ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna, fejn ix-xhieda tal-ko-akkużat ma tikkostitwixxi ebda prova, la kontra u lanqas favur l-akkużat jew l-akkużati l-oħra, u b'hekk mhux ammissibbli bħala tali. Din ir-regola hija desunta *a contrario*

*sensu* minn dak li jipprovdi l-paragrafu (b) tal-artikolu 636, fis-sens li l-ko-akkużat isir xhud kompetenti fir-rigward ta' ko-akkużat, biss wara illi l-każ fil-konfront tiegħu ikun ġie definittavament deċiż. Fil-kaz odjern, iż-żewġ ko-akkuzati għadhom għaddejin proċeduri fl-istess kawża, u għalhekk tapplika r-regola indikata, u b'hekk ix-xhieda tal-imputati mhix ammissibbi fil-konfront ta' xulxin.

Il-Qrati tagħna kellhom l-opportunità li jippronunzjaw ruħhom fuq dan il-prinċipju f'diversi każjijiet fosthom **Sua Maesta r-Re vs Carmeo Cutajar ed altri**,. Qorti Kriminali 18 ta' Jannar, 1927; **Il-Pulizija vs Toni Pisani** Appell Kriminali 11 ta' Novembru, 1944; **Il-Maesta tiegħu r-Re vs Karmenu Vella**, Qorti Kriminali 3 ta' Diċembru, 1947; **The Police vs Alfred W. Luck et**, Appell Kriminali 25 ta' April, 1949; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Faustino Barbara**, Appell Kriminali 19 ta' Jannar, 1996; **Il-Pulizija vs Nasher Eshtewi Be Hag et**, Appell Kriminali 2 ta' Frar, 1996; **Il-Pulizija vs Carmelo Camilleri u Theresa Agius**, Appell Kriminali 11 ta' Lulju, 1997, I**r-Repubblika ta' Malta vs Domenic Zammit et** Appell Kriminali 31 ta' Lulju, 1998 u **ir-Repubblika ta' Malta vs Ian Farrugia**, Qorti Kriminali Digriet Datat 22 ta' Diċembru, 1998.

Il-Qorti taghmel referenza għad-digriet datat 4 ta' Frar 2004 enumerat 4/2004 fl-ismijiet ir-**Repubblika ta' Malta vs Brian Vella**.

Permezz ta' dan id-digriet, il-Qorti Kriminali ordnat illi l-ġuri ta' Brian Vella jiġi xolt, u dan a bażi tal-fatt illi x-xhud Domenic Bonnici, illi kien akkużat bl-istess reati bħall-akkużat, kien għadu

ma għaddiex proċeduri, u għalhekk mhux xhud ammissibbli, kontra jew favur l-akkużat ai termini tal-Kodiċi Kriminali:

*"persuna li tkun akkuzata, hemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur, bl-istess reat migjub kontra l-akkuzat l-iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz u li dan il-principju japplika sija jekk dik il-persuna tkun giet akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor b' mod li jkun hemm ko-akkuzati fil-veru sens tal-kelma u sia jekk tkun akkuzata fi proceduri separati'.*

Il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali Il-**Pulizija vs Carmelo Camilleri u Theresa Agius** tal-Imħallef Vincent DeGaetano tal-11 ta' Lulju, 1997:

*"Hu prinċipju elementari tad-dritt ta' proċedura penali tagħna li dak li jistqarr ko-akkużat, sia jekk bil-fomm biss u sia jekk bil-miktub, ma jagħmilx prova la favur u anqas kontra ko-akkużat ieħor. Dan il-prinċipju jitnissel kemm mill-Artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll mill-Artikolu 636 (b) ta' l-imsemmi Kodiċi. Infatti l-ġurisprudenza tagħna rrikonoxxiet ukoll l-inammissibilità tax-xhieda tal-ko-akkużat kemm-il darba l-każ tiegħu ma jkunx ġie definittivament konkluż".*

Il-Qorti se tiskarta l-istqarrijiet li taw l-imputati meta gew arrestati ghaliex ma gewx esebiti f'dawn il-proceduri, la kkonfermati u prezentati bil-gurament mill-Ufficcjal Investigattiv li ha l-istqarrijiet

u xorta wahda lanqas ma jaghmlu l-ebda prova fil-konfront tal-ko-imputati u dan ai termini tal-artikolu 661 tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti tinnota wkoll li dawn l-istqarrijiet inkluzi fir-rapport tal-espert mediku forensiku Dr. Mario Scerri inghataw waqt li l-persuni kienu arrestati minghajr ma nghataw il-fakulta' li jikkonsultaw mal-avukat ta' fiducja taghhom. Fil-fatt dan id-dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju dahal fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010 permezz tal-Avviz Legali 35/2010.

**<u>KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI DWAR L-AKKUZI</u>**

Il-Qorti se telenka principji legali li japplikaw ghar-reati addebitati lill-imputati u li huma krucjali ghar-rizoluzzjoni ta' dan il-kaz.

**Stupru**

Ir-reat ta' stupru vjolenti huwa koncepit fl-Artikolu 198 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Skond l-artikolu 198 tal-Kodici Kriminali dan ir-reat jigi kommess minn min "*bil-vjolenza, jikkommetti stupru fuq persuna tas-sess il-wiehed jew l-iehor*".

Illi meta l-Kodici Kriminali gie promulgat fl-1854, dan ir-reat kien jigi kommess, skond l-allura artikolu 195, minn min kien

jikkommetti "*stupro violento sopra individui dell'uno o dell'altro sesso*". Dan it-test ittiehed *verbatim* mill-artikolu 333 tal-*Codice delle Due Sicilie*. It-test tar-reat fil-Kodici Kriminali ta' Malta, ghajr ghal varjazzjoni ta' natura kosmetika li saret permezz tal-artikolu 26 tal-Ordinanza XI ta' l-1900, baqa' l-istess sallum.

Illi kif jghid Sir Anthony Mamo fin-*Notes on Criminal Law* (Revised Ed., 1954-1955, p. 194), l-elementi ta' dan ir-reat huma tnejn: (i) il-kongunzjoni karnali ("*carnal knowledge*"), u (ii) il-vjolenza ("*violence*"). Huwa risaput li l-vjolenza tikkonsisti semplicement fin-nuqqas ta' volonta` tas-suggett passiv tar-reat. Il-gurist Francesco Saverio Arabia, fil-kumment tieghu rigward l-imsemmi artikolu 333 tal-*Codice delle Due Sicilie*, jghid hekk dwar l-element tal-vjolenza (*I Principii del Diritto Penale applicati al Codice delle Due Sicilie* (Vol. 3, Napoli, 1858, p. 233):

> "*b) violenza, cioe` forza adoperata contro la persona paziente in modo da costringerla contro la sua volonta`, e contro tutti gli sforzi che possa fare per salvarsene.*"

Illi Sir Anthony Mamo (*op. cit.*, p. 195) jghid hekk fir-rigward:

> "*The law does not specify what the violence must consist in. Nor could it. The whole point is to determine in each particular case whether the carnal knowledge took place against the will of the victim and notwithstanding such resistance as he or she could,*

*having regard to his or her physical strength and moral energy, offer ...".*

Illi dan il-bran jidher li gie mehud mill-*Commento al Codice Penale Italiano* (Parte Seconda, 3° Ed., Torino, 1913), p. 209) tal-gurist Taljan Luigi Maino li, fil-kummenti tieghu rigward l-artikolu 331 tal-Kodici Penali Taljan tal-1889, jaghmel referenza ghal-Kummissjoni tas-Senat ghall-progett 1887 fejn intqal:

"L'indagine caratteristica del delitto si riduce a questo, di determinare se *la congiunzione carnale sia avvenuta contro la volonta` della vittima, e nonostante quella resistenza che secondo le sue forze fisiche e la sua energia morale ha potuto fare*."

Ai termini tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali, l-imputat Mark Cutajar huwa addebitat l-aggravju predispost fl-Artikolu 201(b) tal-Kapitolu 9.

Issa skond l-Artikolu 201 (b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-istupru u kull attentat ieħor għall-pudur jitqies dejjem bħala vjolent meta:

*meta l-persuna li fuqha jsir l-abbuż ma tkunx tista' tirreżisti minħabba marda tal-ġisem jew tal-moħħ jew għal raġuni oħra indipendenti mill-egħmil tal-ħati, inkella minħabba l-mezzi qarrieqa li l-ħati jkun inqeda bihom.*

Illi dwar dan l-aggravju b'mod partikolari l-Professur Mamo jghid hekk:

*With regard to the incapacity arising from the other causes independent of the act of the offender, this includes the case in which the victim was in a state of insensibility from liquor having been made drunk by the prisoner (even though the liquor was given only for purposes of exciting her) or the case in which the victim was asleep.*

Illi dwar il-kunsens o meno tal-vittma f'kazijiet ta' stupru **Blackstone**[30] jghid hekk:

*Capacity is an integral part of consent. A valid consent can only be given by a person who has the capacity to give it ... Common Law principles ... suggest that a complainant will not have had capacity to agree by choice where her understanding and knowledge were so limited that she was not in a position whether or not to agree. This may arise in a variety of different circumstances; for instance when a complainant is ...intoxicated by alcohol or drugs. These principles...still apply...*

Illi dwar il-kapacita' ta' persuna li taghti l-kunsens ghal xi attivita' sesswali f'kaz ta' sokor anke meta is-sokor kien volontarju, Blackstone ikompli hekk:

*In a case where there is evidence that the complainant was voluntarily intoxicated through drink or drugs, the following points may need to be addressed...*

[30] Criminal Practice 2009 edition, B316 pg. 278

*a) Consumption of alcohol or drugs may cause someone to become disinhibited and behave differently. If she is aware of what is happening, and the consumption of alcohol or drugs has caused her to consent to activity which she would ordinarily refuse, then she has consented no much she may regret later. A drunken consent is still a consent if a person has the capacity to make a decision whether to agree by choice.*

*b) However if a complainant becomes so intoxicated that she no longer has the capacity to agree, there will be no consent. Clearly she will not have the capacity to agree by choice where she was so intoxicated through drinks or drugs, and her understanding and knowledge are so limited that she was not in a position to decide whether or not to agree.*

*c) A person may reach such a state without losing consciousness. For instance she may in a state where she knows that she does not want to take part in any sexual activity with someone, but she is incapable of saying so. Alternately she may have been affected to such a degree, that whilst having some limited awareness of what is happening, she is incapable of making any decision at all.*

*d) If a person is asleep or has lost consciousness through drinks or drugs, she cannot give consent, and that is so even if her body responds to the accused's advances."*

Fl-edizzjoni l-aktar ricenti ta' ***Archbold Magistrates' Courts Criminal Practice tal-2017*** tinghata spjegazzjoni ezawrenti dwar il-

kunsens f'zewg binarji l-*evidential presumptions*[31] u *l-conclusive presumptions*[32]*:*

***Evidential presumptions about consent***

***75.*—*(1) If in proceedings for an offence to which this section applies it is proved—***

*(a) that the defendant did the relevant act,*

*(b) that any of the circumstances specified in subsection (2) existed, and*

*(c) that the defendant knew that those circumstances existed,*

*the complainant is to be taken not to have consented to the relevant act unless sufficient evidence is adduced to raise an issue as to whether he consented, and the defendant is to be taken not to have reasonably believed that the complainant consented unless sufficient evidence is adduced to raise an issue as to whether he reasonably believed it.*

*(2) The circumstances are that—*

*(a) any person was, at the time of the relevant act or immediately before it began, using violence against the complainant or causing the complainant to fear that immediate violence would be used against him;*

*(b) any person was, at the time of the relevant act or immediately before it began, causing the complainant to fear that violence was*

[31] Pg. 919 para 14-81

[32] Para 14-82

*being used, or that immediate violence would be used, against another person;*

*(c) the complainant was, and the defendant was not, unlawfully detained at the time of the relevant act;*

*(d) the complainant was asleep or otherwise unconscious at the time of the relevant act;*

*(e) because of the complainant's physical disability, the complainant would not have been able at the time of the relevant act to communicate to the defendant whether the complainant consented;*

*(f) any person had administered to or caused to be taken by the complainant, without the complainant's consent, a substance which, having regard to when it was administered or taken, was capable of causing or enabling the complainant to be stupefied or overpowered at the time of the relevant act.*

*(3) In subsection (2)(a) and (b), the reference to the time immediately before the relevant act began is, in the case of an act which is one of a continuous series of sexual activities, a reference to the time immediately before the first sexual activity began.*

***Conclusive presumptions about consent***

***76.—*** *(1) If in proceedings for an offence to which this section applies it is proved that the defendant did the relevant act and that any of the circumstances specified in subsection (2) existed, it is to be conclusively presumed—*

*(a) that the complainant did not consent to the relevant act, and*

*(b) that the defendant did not believe that the complainant consented to the relevant act.*

*(2) The circumstances are that –*

*(a) the defendant intentionally deceived the complainant as to the nature or purpose of the relevant act;*

*(b) the defendant intentionally induced the complainant to consent to the relevant act by impersonating a person.*

Dwar il-fatt li l-persuna tkun ikkunsmat ammont konsiderevoli ta' alcohol l-**Archbold** jispjega:

*In relation to the voluntary consumption of alcohol on the ability of a person to consent to sexual activity, consent can only be said to be absent if the effect of the alcohol was such that the complainant had temporarily lost the capacity to choose whether to engage in the sexual activity. Where a complainant had voluntarily consumed substantial quantities of alcohol but nevertheless remained capable of choosing whether to engage in such activity and agreed to do so, then he was consenting. Capacity to consent may evaporate before a complainant became unconscious but whether that was so or not was fact-specific: Bree [2007] 2 Cr.App.R. 13, CA. Any supposed principle to the effect that a complainant's inability to remember whether or not he consented must prove fatal to the prosecution*

*case was expressly disavowed by the court in Bree; see also H [2007] EWCA Crim 2056.*[33]

Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet il-**Pulizija vs James Demanuele**[34], il-Qorti stqarret li "il-ligi taghna in tema ta' stupru tirikjedi li l-kongungiment karnali jkun sar bil-vjolenza. Tali vjolenza tista' tkun fizika jew morali (jew naturalment it-tnejn flimkien). Il-ligi pero' ma tikkwantifikax din il-vjolenza, ossia il-grad ta' vjolenza li trid tigi wzata, biex wiehed jghid li kien hemm stupru. Kollox jiddependi fuq ic-cirkostanzi tal-kaz u b'mod partikolari fuq l-eta' tas-suggett attiv u tas-sugett passiv, l-istat ta' sahha u l-forzi taghhom, it-temperament jew karattru taghhom kif ukoll fuq ic-cirkostanzi partikolari li jkun jinsab fihom is-suggett passiv. Dak li hu necessarju hu li l-vjolenza tkun wahda effettiva, jigifieri li fil-kaz konkret ikun hemm, bejn il-vjolenza adoperata u l-kongungiment karnali, in-ness tal-kawza u l-effett, ta' mezz u fini."

Illi ghalhekk l-ezami li trid taghmel din l-Qorti fir-rigward tar-reat ta' stupru hu jekk mill-provi prodotti rrizultax li l-imputat Mark Cutajar kellux kongunzjoni karnali ma' Amanda Parisa Antolini <u>kontra l-volonta` taghha</u> u jekk l-imputat Paul Xerri, ghad li ma ppartecipax attivament fl-allegat stupru, xjentement ghen lil Cutajar biex l-istupru jigi preparat jew ikkunsmat[35].

[33] Pg. 920
[34] 2 ta Ottubru 2010.
[35] artikolu 42(d) tal-Kodici Kriminali indikat specifikament mill-Avukat Generali fir-rinviju ghall-gudizzju tieghu

**Attentat Vjolent ghall-Pudur**

Ir-reat ta' attentat ghall-pudur bil-vjolenza, kontemplat fl-Artikolu 207 jiddisponi s-segwenti:-

> *"Kull min jinsab ħati ta' attentat vjolent għall-pudur li, fih innifsu, ma jkunx jikkostitwixxi wieħed mid-delitti ikkunsmat jew attentat, imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu jehel....."*

Illi dwar l-attentat vjolenti ghall-pudur il-Qorti tal-Appelli Kriminali tghallem li:

> "L-attentat vjolenti ghall-pudur - il-vokabolu 'attentat' fis-sens ta''osare', 'ardire', 'thebb' – jew oltragg vjolenti ghall-pudur, hu kostitwit minn *tutti quegli atti impudici commessi sopra altra persona contra la di lei volonta. (Carrara, Programma – 1542)" "Nell'essenza di fatto del delitto di oltraggio violento al pudore non si richiedono condizioni speciali degli elementi costitutivi del corpus criminis in tale maleficio si esaurisce nelle condizioni materiali di un atto esercitato sulla persona altrui, dal quale ne risulti un oltraggio al di lei pudore eseguito con pravo fine e previsione di tale risultato".*

Kif gie imfisser fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli fl-ismijiet il-**Pulizija vs Gerald Cassar[36]:**

> *"l-attentat vjolent ghall-pudur jew oltragg vjolent ghall-pudur hu kostitwit minn dawk l-atti impudici kollha li jigu kommessi*

[36] 18 ta' Lulju 1959

*fuq persuna ohra kontra l-volonta' taghha li ma jammontawx ghal wiehed mid-delitti ikkunsmati jew attentati imsemmijin fl-Artikoli qabel dak humru 207 tal-Kodici Kriminali.*

Illi fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Joseph Micallef**[37], il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet:

*"Kif gie spjegat magistralment mill-kompjant Imhallef William Harding, fis-sentenza tat-8 ta' Jannar, 1955, fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Kelinu Mifsud** (Vol. XXXIX.iv.931), il-kriterju differenzjali senjat mil-ligi stess bejn ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni u dak ta' attentat vjolent ghall-pudur huwa wiehed negattiv, fis-sens li jekk jikkonkorru fil-fatt addebitat lill-imputat ir-rekwiziti tal-korruzzjoni ta' minorenni hemm dan id-delitt, jekk le hemm l-attentat vjolent ghall-pudur" (p. 933).*

Il-Carrara jindirizza dan ir-reat billi jghid li wiehed ghandu necessarjament jistaqsi tlett domandi principali u jekk l-istess tlett domandi jigu risposti fil-pozittiv allura jirrizulta l-attentat vjolenti ghall-pudur. Il-**Carrara** jistaqsi:

*"Vi fu violenza nell'atto?*
*Vi fu scopo di libidine?*
*Il senso morale del popolo considera quell'atto come impudico?*
*Ove ricorrono queste tre condizioni, esiste il delitto di oltraggio violento al pudore."*[38]

[37] Deciza fit-13 ta' Novembru 1998

L-**Archbold** jispjega hekk:

*A person (A) commits an offence if—*

*(a) he intentionally touches another person (B),*

*(b) the touching is sexual,*

*(c) B does not consent to the touching, and*

*(d) A does not reasonably believe that B consents.*[39]

Skont l-artikolu 207, dan l-attentat vjolent "fin innifsu, ma jkunx jikkostitwixxi wiehed mid-delitti ikkunsmat jew attentat, imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu [inkluz naturalment l-artikolu 198]".

Illi skont gurisprudenza kostanti fil-kaz ta' dan ir-reat ta' attentat vjolent ghall-pudur, hemm sitwazzjonijiet varji ta' atti libidinuzi li jistghu jikkostitwixxu l-element materjali. Dawn jistghu jkunu jvarjaw minn semplici bewsa mhux mixtieqa fuq il-haddejn tal-vittma, jew xi tokkata fugaci u momentanja fuq xi parti erogeneja tal-gisem minn fuq il-hwejjeg, ghall-atti vjolenti li jirrazentaw l-elementi kostituttivi tar-reat ferm aktar gravi ta' tentattiv ta' stupru vjolent kontemplat fl-artikolu 198 tal-Kodici Kriminali.

L-**Archbold** jaghti spjegazzjoni dwar "*touching*" u l-elementi li jsawru dan ir-reat:

[38]Carrara Vol. 2 Pagna 392, kwotata minn decizjoni tal-Imhallef W. Harding moghtija nhar 12 ta' Marzu 1960 fil-kawza *il-Pulizija vs Spiru Silvio.*
[39] Archbold Magistrates' Courts Criminal Practice 2017, para 14-88 pg. 923

*"Touching" includes touching with any part of the body, with anything else and through anything: s.79(8), ante.*

*[…]*

*In H. [2005] 2 Cr.App.R. 9, the Court of Appeal confirmed that a man who grabbed the trouser pocket of a woman and pulled her towards him shortly after asking her "Do you fancy a shag?" was guilty of an offence under s.3. A person "touched" another person if he touched the clothes that the other person was wearing. Where a touching was not inevitably "sexual", the Court stated that it was necessary to approach s.78(b) (ante at § 14-83) in two stages. First, because of its nature, might the touching be sexual? Secondly, because of its circumstances or the appellant's purpose in relation to it (or both) was the touching actually sexual?*

*Different elements of the s.3 offence require proof of different states of mind such that the offence cannot be labelled as one of either basic intent or specific intent. However, the intentional touching element of the offence requires no more than basic intent so that voluntary intoxication cannot not be relied upon to negate that intent: Heard [2007] 1 Cr.App.R. 37.*[40]

Is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Gide Idris Mahder***[41] taghmel referenza dwar dan.

[40] Pg. 923
[41] Deciza mill-Imhallef Joe Galea Debono fil-5 ta' Gunju 2006

*Illi minn dawn il-fatti kif fuq esposti jidher li l-kaz kien jipprezenta l-estremi tal-elementi materjali kostituttivi tar-reat ta' tentattiv ta' attentat vjolent ghall-pudur jekk mhux ukoll u sahansitra , fil-fehma ta' din il-Qorti , r-reat kompjut ta' "violent indecent assault" u addirittura anki dawk tar-reat ferm aktar gravi ta' tentattiv ta' stupru vjolent. Din il-Qorti tinsab mistifikata kif il-Pulizija ma akkuzatx lill-appellat b'dan ir-reat aktar serju w akkuzatu biss b'tentattiv ta' reat ferm inqas gravi. L-ispjegazzjoni hi fl-ewwel lok li l-Pulizija kkonfondiet id-dicitura ta' "attentat" vjolent ghall-pudur liema reat bl-ingliz hu maghruf bhala "violent indecent assault" mal-koncett generali ta' tentattiv ta' reat, kif provvdut fl-artikolu 41 tal-Kap.9.*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Gaetano Spiteri*** *(16.10.1968)*, il-Qorti tal-Appell Kriminali ghamlet referenza ghall-Carrara li, wara li jiddeskrivi l-att impudiku bhala "*uno di quegli atti che la coscienza universale considera oltraggiosi al pudore*" u jaghti bhala ezempju "*le mani sulle parti*", izid jghid li dana "*e` un atto che oltraggia*". Ghal dak li jirrigwarda l-element intenzjonali l-istess awtur jghid: "*Non e` la causa che spinse ad agire che determina ma la produzione del risultato di oltraggiare violentemente il pudore altrui mediante un atto diretto a tale scopo*".

Illi fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Paul Attard et.*** *(24.06.1972)*, il-Qorti tal-Appell Kriminali wkoll ghamlet referenza ghall-Carrara li jispjega li dan ir-reat jikkomprendi dawk l-atti impudici kollha, kommessi fuq persuna kontra l-volonta` taghha, li la jkunu

konsumativi ta' delitt iehor u lanqas principju ta' esekuzzjoni tieghu kostitwenti tentattiv punibbli, imma atti preparatori, ossia, kif isejhulhom awturi ohra, atti li jippreludu ghall-estenwazzjoni tal-libidini (ara is-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. George Debono*** *(27.10.1945 – Kollez. XXXII.iv.938)*).

Din il-Qorti trid tara jekk mill-provi f'dan il-kaz irrizultax li l-imputati Paul Xerri u Aaron Camilleri kkommettewx attentat vjolent ghall-pudur li, fih innifsu, ma jikkostitwixxix xi wiehed mid-delitti, kunsmati jew tentati, previsti mill-artikoli 198 sa 206 tal-Kodici Kriminali. Dwar dan insibu is-sentenza klassika in materja tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Orazio Godwin sive Horace Laudi*** *(09.06.1977).* Il-Qorti hawnhekk ghamlet emfasi fuq il-fatt li l-att in kwistjoni jrid ikun sehh kontra l-volontà ***manifesta tal-vittma***.).

**Offiza ghall-Pudur jew ghall-Morali maghmula fil-Pubbliku**

Ir-reat ta' offiza ghall-pudur jew ghall-morali maghmula fil-pubbliku hija kontemplata fl-artikolu 209 tal-Kodici Kriminali.

Illi fis-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet ***Il-Maesta` Tieghu r-Re v. Manwel Cucciardi*** *(21.10.1943 – Kollez. XXXI.iv.367)* intqal hekk fir-rigward ta' post pubbliku jew post espost ghall-pubbliku:

> *"F'dina l-materja baqghet klassika d-distinzjoni li ghamel ix-Chassau fl-opera tieghu 'Traite` des delits et contraventions de la parole, de l'ecriture et de la presse', bejn (1) post pubbliku mix-xorta tieghu stess, (2) post pubbliku minhabba d-destinazzjoni tieghu, u (3) post pubbliku b'accidentalita`. Fost ta' l-ewwel jidhlu dawk il-postijiet li f'mod permanenti u assolut huma accessibbli ghall-pubbliku, bhalma huma t-toroq u l-pjazez; fost tat-tieni dawk li fihom kull persuna tista' tigi ammessa li tidhol u tistabbilixxi ruhha liberament, sew f'manjera assoluta kemm billi tadempixxi certi kundizzjonijiet ta' ammissibilita`, bhal ma huma t-teatri, l-iskejjel, ecc.; fost tat-tielet dawk il-postijiet li fihom infushom ma ghandhomx il-karattru ta' pubblicita`, izda li jista' jkollhom dan il-karattru minhabba l-potenzjalita` li l-pubbliku jkun prezenti, kif inhuma l-hwienet, il-vetturi pubblici u privati".*

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza il-***Pulizija vs Carmelo Micallef et.***, deciza mill-imhallef Harding nhar l-14 ta' Mejju 1960.

F'dan il-kaz, l-atti kienu gew kommessi fuq xarabank minghajr passiggieri, waqt li din ma kinitx qed tahdem fuq il-linja u ghalhekk il-pubbliku ma kellux access ghalih, waqt li l-istess xarabank kienet kontinwament miexja, u di più wara l-hdax ta' bil-lejl. Il-Qorti kienet ukoll ikkunsidrat li anke kieku kien hemm xi hadd fit-triq, dan ma setax jara dak li kien qed isir f'dawk ic-cirkostanzi, anke stante l-gholi tal-vettura. Il-Qorti konsegwentament, filwaqt li kienet kwotat lil Pozzoloni li jinkludi fost il-"*luoghi publici per*

*accidentalità*" il-vetturi pubblici, li jghid li dawn ma ghandhomx "per se stessi" il-karattri tal-pubblicità imma "*possono prenderla in virtù della potenzialità che il pubblico sia in essi presente*", madanakollu qal li fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz tal-fattispecje ma kienx hemm din il-potenzjalità tal-access.

Il-Qorti hawnhekk kienet kwotat guristi ohra taljani fosthom il-Carrara u Blanche fejn gie ritenut li f'kawza simili wiehed irid jikkonsidra "*il-possibilità li wiehed jara dak li qed isir*" u li f'dan ir-reat "*si calcola la potenza*".

Illi ghalhekk, ghall-fini ta' dan ir-reat ta' offiza ghall-pudur jew ghall-morali maghmula fil-pubbliku, l-ezami li trid taghmel din il-Qorti hu jekk mill-provi prodotti rrizultax li l-imputati Aaron Camilleri, Paul Xerri u Mark Cutajar ikkommettewx atti li joffendu l-pudur jew il-morali f'post pubbliku mix-xorta tieghu stess, f'post pubbliku minhabba d-destinazzjoni tieghu jew f'post pubbliku b'accidentalita`. Fl-eventwalita` li l-Qorti tkun sodisfatta li gew kommessi atti li jkunu jikkostitwixxu l-att materjali rikjest ghall-artikolu 209 tal-Kodici Kriminali, trid imbaghad tghaddi biex tezamina x'irrizulta mill-provi dwar il-post li fihom tali atti allegatament ikunu sehhew.

**Sekwestru**

L-Artikolu 86 tal-Kap. 9 jipprovdi ghad-delitt ta' arrest, detenzjoni jew sekwestru kontra l-ligi li sar bhala mezz biex l-allegata vittma

tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha.

L-Artikolu 86 tal-Kap. 9 jipprovdi li:

> "*Kull min bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lil hati, jarresta, jzomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volonta' taghha jew jaghti l-post biex fih din il-persuna tigi mizmuma jew ssekwestrata.*"

Din il-Qorti tara li l-elementi tal-Artikoli rilevanti ghal dan il-kaz huma tnejn - ghal dak li jirrigwarda definizzjoni. L-ewwel element hu dak ta' sekwestru ta' persuna u t-tieni hu li tali sekwestru jista' jsir kontra l-volonta' tal-persuna sekwestrata. L-ewwel element ta' sekwestru jinkludi, fil-fehma tal-Qorti, it-tehid jew it-trasport ta' persuna minn persuna ohra. Hemm diversi forom li dan jista' jiehu u l-aktar wiehed komuni hu dak ta' fejn bniedem jigi mehud bil-forza. Izda dan mhux l-uniku tip ta' agir li jinkwadra f'dan ir-reat.

Huwa ovvju li hemm diversi metodi li jnehhu d-dritt ta' persuna ghal moviment liberu taghha u dan huwa t-tifsir tal-kelma "sekwestru" f'dan il-kuntest. Dan huwa wkoll evidenti mill-intestatura tas-sub-Titolu tat-Titolu 3 tal-Kap 9 li tahtu jaqa' dan l-artikolu - L-uzu kontra l-Ligi mill-privat tas-setghat tal-Awtorita' Pubblika - li jindika li taht dan il-Kapitolu jaqa' agir li jekk kommess minn min ghandu awtorita', ma jkunx punibbli.

Fi kliem l-awturi **Smith & Hogan** l-arrest jissusisti *'by words alone if one suibmits.'* [ara Il-**Pulizija v Albert Cassar** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sittax (16) ta' Novembru 1990.]

Il-gurista Taljan Maino fil-ktieb tieghu Commento al Codice Penale jikkummenta fuq l-Artikolu 146 li huwa bhall-Artikolu 86 taghna[42] billi jghid:

> "*Il sequestrato richiede che la privazione della liberta' sia assoluta e avvenga in circostanze tali da tagliere alla vittima ogni possibilita' di scampo o di soccorso.*"

Antolisei fil-ktieb tieghu Manuale di diritto penale[43] jghid:

> "*le fatti specie del delitto in parola si realizza anche se la privazione della liberta' non e' totale ne occorre che al paziente sia reso del tutto impossibile ogni via di scampo. E' necessario per altro che la perdita' della liberta' si protragga per un periodo di tempo di un certo rilievo.*"

Fil-fatt La Corte di Cassazzione tal-Italja b'sentenza moghtija fl-erbatax (14) ta' Jannar, 1961 ipprecizat :

> "*che la privazione della liberta' di movimento del soggetto passivo deve perdurare - per un apprezzabile lasso di tempo anche brevissimo cosi che non sarebbe rilevante solo se momentaneo e fugace*".

Element importanti ghall-ezistenza ta' dan ir-reat kif imsemmi fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tlieta u

[42] Fol 112 paragrafu 788 Vol II.
[43] Ed. 1977 pg 134

ghoxrin (23) ta' Jannar, 1998, fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Andrew Bonnici** huwa li bniedem irid ikun ittiehed fil-post kontra l-volonta' tieghu.

Dwar ir-reat ta' sekwestru aggravat kontemplat fl-artikoli 86 u 87(1)(g) tal-Kodici Kriminali l-Qorti tal-Appell Kriminali, fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Joseph Debono*** *(12.02.2009)*, ghamlet referenza ghas-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Denis Pandolfino et.*** *(19.10.2006)*. F'dak il-kaz kien hemm akkuza ta' arrest illegali oltre akkuza ta' stupru u meta l-ufficcjal investigattiv giet mistoqsija in kontro-ezami fuq liema provi l-Pulizija kienet ibbazat l-akkuza ta' sekwestru tal-persuna, din kienet irrispondiet li dik l-akkuza kienet bazata fuq il-fatt li l-akkuzati kienu jitilghu fuq it-tfal biex jaghmlu l-atti sesswali maghhom. Il-Qorti kienet irriteniet li:

> *"…dan il-fatt, se mai, hu ingredjent jew element ta' l-akkuza ta' stupru vjolent … jew dik ta' korruzzjoni ta' minorenni kontenut fit-Tieni u l-Hames Kapi kontra l-akkuzati rispettivi u ma jammontax ghar-reat ta' sekwestru "per se". Kieku kien hekk, kull att sesswali anki bejn "consenting adults" taz-zewg sessi kien ikun jammonta ghal reat ta' sekwestru ghax hu risaput li f'hafna kazi l-att sesswali f'certi aspetti tieghu jimplika certu mmobilizzar ta' persuna minn persuna ohra."*

Fil-kawza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Mario Ellul***[44] il-Qorti

[44]***Il-Pulizija vs Mario Ellul***, deciza mill-Qorti tal-Magistrati nhar is-7 ta' Jannar, 2010.

rriteniet illi:

*"L-ewwel element hu dak ta' sekwestru ta' persuna u t-tieni hu li tali sekwestru jsir kontra l-volontà tal-persuna sekwestrata."*

Fuq l-ewwel element, dak ta' sekwestru ta' persuna l-Qrati irritenew li:

*"L-ewwel element ta' sekwestru jinkludi, fil-fehma tal-Qorti, it-tehid jew it-trasport ta' persuna minn persuna ohra. Hemm diversi forom li dan jista jiehu u l-aktar wiehed komuni hu dak ta' fejn bniedem jigi mehud bil-forza."*[45]

Il-Qrati Maltin meta trattaw l-artikolu 86 tal-Kodici Kriminali hafna drabi harsu lejn il-prova medika bhala prova determinanti biex jigi stabbilit jew jissusistix l-istess reat.[46]

Fil-kaz odjern, huwa indikattiv ir-rapport ta' Dr. Mario Scerri li tqabbad bhala espert mill-Qorti insibu skond l-istess konkluzzjonijiet il-grif li kellha:

*"Mhumiex kompatibbli ma' xi swat jew xi daqqiet u lanqas ma huma kompatibbli mal-uzu ta' xi vjolenza fuqha."*[47]

---

[45]***Il-Pulizija vs Dabia Abdul Baset,*** deciza mill-Qorti Tal-Magistrati, nhar is-17 ta' Awwissu, 2005

[46]*Ibid;* ***Il-Pulizija vs Ommissis***, deciza mill-Qorti tal-Magistrati nhar l-1 ta' Settembru, 2004; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Dominic Bonnici,*** deciza mill-Qorti Kriminali, per Imh. Dr. J Galea Debono nhar il-5 ta' Jannar, 2004 Numru 13/2002; ***Il-Pulizija Vs Mario Ellul,*** deciza nhar is-7 ta' Jannar, 2010; ***Il-Pulizija vs Russell Attard*** deciza nhar id-9 ta' Lulju, 2001.

[47] A. fol. 234

Illi, a parti dak li ntqal f'din is-sentenza, huwa appena necessarju jinghad li, fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, sejbien ta' htija f'dan ir-reat huwa dipendenti minn sejbien ta' htija tar-reat ta' stupru jew attentat vjolent ghal pudur.

Ghall-fini ta' dan ir-reat ta' sekwestru illegali, l-ezami li trid taghmel din il-Qorti hu jekk mill-provi prodotti rrizultax li l-imputat Mark Cutajar kellux kongunzjoni karnali ma' Amanda Parisa Antolini kontra l-volonta` taghha b'mod li mmobilizzaha u jekk l-imputat Paul Xerri u Aaron Camilleri, ghad li ma ppartecipawx fl-allegat istupru, xjentement ghenux lil Cutajar biex Antolini tigi immobilizzata u stuprata.  Rigward Aaron Camilleri irid ikun deciz ukoll jekk issekwestrax lill-allegata vittma.

**Ikkunsidrat:**

L-imputati min-naha taghhom ma humiex obbligati li jixhdu jew li jippruvaw xi haga. Jistghu joqoghdu u jistriehu biss fuq il-provi migbura. Fi proceduri penali l-onus ta' prova tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni matul il-kumpilazzjoni kollha, bhala regola generali u hija l-eccezzjoni li d-difiza trid tipprova xi haga, bhal per ezempju d-difiza tal-insanita'.

Hija principju fundamentali fi proceduri penali li persuna akkuzata hija prezunta innocenti sakemm ippruvata hatja, u dan ai termini

tal-Artikolu 40 Subinciz 5 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, li jiddisponi s-segwenti:

> "*every person who is charged with a criminal offence shall be presumed to be innocent until he is proved or has pleaded guilty...*"

Dan il-principju gie wkoll sanat fis-sentenza moghtija minn Sir Augustus Bartolo fl-ismijiet Il-**Pulizija v Michele Borg et** (deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-13 ta' Mejju, 1936) fejn intqal:-

> "*illi skond il-principju u s-sistema tal-ligi u procedura penali taghna imfassla fuq dak ta' l-Ingilterra u li huma strettament d'ordine pubblico; 'the accused is presumed innocent until proved guilty.'* "

U issa ghalhekk wiehed jistaqsi xi tfisser verament presunzjoni tal-innocenza? Din tfisser li l-akkuzati ma jridu jippruvaw xejn dwar l-innocenza taghhom - hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-htija taghhom. Ghalhekk peress li hija l-Prosekuzzjoni li allegat il-htija tal-imputati, l-onus generali tal-prova, u cioe' tal-prova tal-htija, tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni, li ghandha ghalhekk tipprova kull element tar-reat partikolari sabiex tasal ghal din l-istess konkluzjoni.

**B'dispjacir il-Qorti tinnota li l-Prosekuzzjoni abdikat mir-responsabiltajiet taghha ghaliex mhux biss ma tressaqx l-ufficcjal investigatur biex jixhed dwar l-istharrig li wettaq u li wasslu biex akkuza lit-tliet imputati u lanqas kienu esebiti l-istqarrijiet tal-imputati izda lanqas tressqet nota ta' sottomissjonijiet biex tindika lill-Qorti kif bil-provi prodotti l-imputati ghandhom jinstabu hatja.**

**Jirrizulta li l-ufficcjal investigatur l-Ispettur Josric Mifsud lill-imputati kien hadilhom stqarrija qabel ma ressaqhom bl-arrest. Dawn l-istqarrijiet qatt ma gew esibiti f'dawn l-atti u ghalhekk ma jifformawx parti mill-istess atti. Jidher li kopja ta' dawn l-istqarrijiet inghatat lill-espert tal-Qorti Dr. Mario Scerri li inserihom fir-relazzjoni tieghu. Dawn l-istqarrijiet, li ttiehdu minghajr l-assistenza ta' avukat, qatt ma gew esibiti formalment u hadd, inkluz l-imputati, ma xehed dwarhom. Ghall-korrettezza jinghad li ttellghu xiehda li kienu prezenti ghat-tehid tal-istqarrijiet izda dawn l-istqarrijiet ghalkemm anke l-Qorti talbet biex ikunu esebiti, dan ma sarx.**

**Il-Qorti tirrimarka li l-ufficcjal investigatur ghandu barra responsabilta' lejn l-allegata vittma u l-imputati li ilhom disa' snin b'giljottina mdendla fuq rashom, ghandu responsabilta' wkoll lejn is-socjeta' inkluz l-ispejjez li meta jkun hemm nuqqas ta' htija jbatihom l-Istat. F'dan il-kaz hlas tal-esperti biss kien hemm sitt elef u sitta u hamsin ewro (€6056).**

L-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzat irid ikun assolut, oltre kull dubju dettat mir-raguni u f'kaz li jkun hemm xi dubju ragjonevoli, il-Prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija u ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera. Illi cio' nonostante minkejja li l-imputati m'ghandhomx ghalfejn jippruvaw xejn, xorta hassew il-htiega li jirrilaxxjaw stqarrija a tempo vergine tal-investigazzjoni u jixhdu sabiex jispjegaw ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz. Jidher li l-imputati kienu konsistenti f'dak li qalu kemm fl-istqarrija li rrilaxxjaw ftit sieghat wara li sehh l-allegat incident, kif ukoll meta xehdu f'dawn il-proceduri. Zammew sod fis-sens li taw l-istess verzjoni tal-fatti fid-dettalji kollha taghhom.

**KONKLUZZJONIJIET GENERALI**

Ma kinitx Amanda Parisa Antolini li marret taghmel rapport ghand il-Pulizija izda sar minn Anthony Refalo s-sieheb ta' Charlotte Evans li meta sab lill-allegata vittma wara l-bieb twerzaq u tghajjar lil sehbitu biex ma jigix fi lsien in-nies minhabba l-istorbju li nqala' sejjah lill-pulizija.

Il-kaz tal-prosekuzzjoni huwa msejjes principalment u esklussivament, fuq ix-xiehda tal-allegata vittma Amanda Parisa Antolini. Fix-xiehda taghha hija taghti rakkont dettaljat tal-ewwel parti tas-serata tat-18 ta' Novembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) sahansitra kull tip ta' xorb alkoholiku li hadet u minn fejn. Tirrakkonta dak li tiftakar mis-sieghat bikrin tal-ghada 19 ta'

Novembru. Izda ma tiftakar kwazi xejn u taghti verzjonijiet differenti ta' x'gara u minn min.

L-espert mediku forensiku nominat mill-Qorti Dr. Mario Scerri fil-konkluzzjonijiet tieghu jeskludi ghal kollox l-uzu ta' vjolenza fuq Amanda. Dwar il-grif li kellha fuqha Amanda:

> *"Mhumiex kompatibbli ma' xi swat jew xi daqqiet u lanqas ma huma kompatibbli mal-uzu ta' xi vjolenza fuqha."*[48]
>
> *[…]*
>
> *"Illi ma kienx hemm lezjonijiet friski fuq il-vulva jew vagina;*
> *Illi ma kienx hemm lezjonijiet friski fuq is-cervix".*[49]
>
> {…}
>
> *"Illi ma kienx hemm lezjonijiet friski fuq l-introjtu u partijiet genitali li jindikaw li kien hemm penetrazzjoni sfurzata."*[50]

Il-Qorti rat il-versjoni moghtija lil PS 676 Edelon Spiteri li tinstab fl-okkorrenza minnu esebita, il-versjoni moghtija lill-ufficcjal investigattiv, il-versjoni moghtija lill-espert tal-Qorti Dr. Mario Scerri, il-versjoni moghtija lil Charlotte Evans u l-versjoni moghtija lit-tabiba tal-Casualty Dr. Marlene Attard.

[48] *a fol.* 234
[49] a fol 254
[50] Folio 273 tal-process.

Dawn il-versjonijiet jikkostitwixxu *hearsay evidence* u ghalhekk ma humiex prova tal-kontenut taghhom. Izda l-Qorti tal-Appell Kriminali fir-rigward ta' evidenza simili fil-kaz Il-**Pulizija v. Fabio Schembri**[51] kienet osservat li hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jigi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fic-cirkostanzi ta' data, post u hin li ntqal u in kwantu tali hi cirkostanza li mehuda ma' provi u cirkostanzi ohra tista' wkoll tikkontribwixxi ghall-apprezzament li taghmel il-Qorti.

Issa fil-kaz in desamina mhux qed jinghad li ma kienx hemm xi atti sesswali li gew kommessi fuq il-persuna ta' Amanda Parisa Antolini izda li dawn gew kommessi bil-kuntentizza taghha, anzi addirittura kif jghidu l-imputati fuq rikjesta taghha li nduciethom biex ikollhom x'jaqsmu maghha.

Meta l-imputati u l-allegata vittma kienu fil-kumpanija ta' xulxin fl-ebda hin ma wriet ix-xewqa li titlaq jew ghamlet xi manuvra sabiex tipprova titlaq. Anzi hi ghazlet li tibqa' hemm inkluz argumentat mal-habiba taghha Charlotte Evans li riedet titlaq u tingabar lura fil-post taghha fejn halliet lis-sieheb taghha Anthony Refalo rieqed.

Illi l-allegata vittma mhix minorenni u ghalhekk li kieku ma kinitx kuntenta b'dak li kien ghaddej setghet facilment twaqqaf lill-imputati u mhux tkompli maghhom.

[51] Deciza fl-1 ta' Frar 2011

L-imputati dehru genwini fix-xhieda taghhom, spjegaw bid-dettal dak li kien sehh u kull ma qalu effettivament kien gie korroborat mill-esperti nominati fl-inkjesta li nzammet a bazi ta' dan ir-rapport taghha. Illi ghalhekk in vista tal-fatt li dak li sehh bejn il-partijiet sehh b'mod konsenswali bejn l-adulti.

L-imputati gew akkuzati wkoll bir-reat ta' arrest u zamma illegali kif dispost fl-Artikolu 86 tal-Kap. 9 u cioe' b'delitt ta' arrest, detenzjoni jew sekwestru kontra l-ligi li sar bhala mezz biex l-allegata vittma tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha.

L-allegata vittma fl-ebda hin fix-xhieda taghha ma tghid li hija ppruvat titlaq 'l hemm jew li l-imputati zammewha milli ticcaqlaq. Ma jirrizultax li f'xi hin bdiet tghajjat jew titlob l-ghajjut anzi tikkonferma li l-imputati kienet tafhom u xorbot maghhom sa ftit qabel. Il-Prosekuzzjoni ma ressqet lil hadd sabiex jghid li sema' xi storbju jew ghajjat jew xi hadd jitlob l-ghajjut.

Minkejja li l-Prosekuzzjoni akkuzat lill-imputati bl-aggravju kif dispost fl-Artikolu 87 (1) (g) tal-Kap. 9, din ukoll ma tirrizultax stante li r-reat kif kontemplat fl-Artikolu 86 ma jirrizultax.

Fil-fehma ta' din il-Qorti li analizzat il-process kollu l-aktar ix-xhieda li taw l-esperti Dr. Mario Scerri u Dr. Marisa Cassar u r-rapporti taghhom, it-tabiba Dr. Marlene Attard, PS 676 Edelon

Spiteri, Anthony Refalo u Charlotte Evans u setghet taghmel apprezzament tax-xhieda li taw l-imputati, l-imputati kienu hafna aktar kredibbli fil-versjoni tal-fatti kif esposti minnhom milli kif xehdet l-allegata vittma.

Ghal din il-Qorti li tiddeciedi fuq il-provi li jingabu  u mhux bil-fantasija fil-mohh, huwa misteru kif, a bazi ta' dawn il-provi,  Paul Xerri gie akkuzat bir-reati ta' sekwestru aggravat, attentat vjolent ghall-pudur, offiza ghall-pudur jew il-morali maghmula fil-pubbliku u komplicita` fi stupru, Mark Cutajar bir-reati ta' stupru aggravat, sekwestru aggravat u offiza ghall-pudur jew il-morali maghmula fil-pubbliku u Aaron Camilleri bl-attentat vjolenti ghall-pudur, offiża għall-pudur jew għall-morali magħmula fil-pubbliku u arrest, detenzjoni jew sekwestru kontra l-liġi u cirkostanzi aggravanti.

## KONKLUZZJONIJIET DWAR IMPUTATI SEPARATAMENT SKONT L-ARTIKOLI MIBGHUTA MILL-AVUKAT GENERALI

### Mark Cutajar

L-imputat Mark Cutajar gie akkuzat bir-reati ta' (i) stupru aggravat; (ii) sekwestru aggravat; u (iii) offiza ghall-pudur jew ghall-morali maghmula fil-pubbliku.

Fir-rigward tar-reat ta' **stupru aggravat** (artikoli 198 u 201(b) tal-Kodici Kriminali), Amanda Parisa Antolini qatt ma xehdet li huwa kkommetta r-reat ta' stupru. Wara r-rapport originali ta' terza persuna u l-versjonijiet originali taghha – mhux ammissibbli bhala prova tal-kontenut taghhom – li giet stuprata minn diversi persuni, meta xehdet quddiem din il-Qorti fil-vesti taghha ta' Qorti Istruttorja[52] hija spjegat li l-imputat Mark Cutajar kull ma ftakret dwaru kien li f'xi hin kien ghamel idejh fuq spallejha u hi mbuttatu. L-imputat Cutajar ikkonferma dan il-fatt fix-xiehda tieghu, li ghalkemm effettivament kien hemm kongunzjoni karnali, dan kien konsenswali. Dan huwa kkonfermat anke mill-evidenza forensika u anke mill-evidenza in generali.

Fir-rigward tar-reat ta' **sekwestru aggravat** (artikoli 86 u 87(1)(g) tal-Kodici Kriminali), ma hemm ebda prova li huwa ssekwestra lil Amanda Parisa Antolini. Lanqas ma jirrizulta li Amanda Parisa Antolini giet sekwestrata illegalment.

Fir-rigward tar-reat ta' **offiza ghall-pudur jew ghall-morali maghmula fil-pubbliku** (artikolu 209 tal-Kodici Kriminali) l-Qorti hija sodisfatta li l-att konsenswali kommess minn Amanda Parisa Antolini u mill-imputat Mark Cutajar ma kienx wiehed kontra l-pudur jew kontra l-morali u anke li kien dan sehh prova li dan sehh f'post pubbliku jew post espost ghall-pubbliku fil-process m'hemmx.

[52] Fit-2 ta' Dicembru, 2008 (*a fol*. 62 *et. seq*.)

**<u>Aaron Camilleri</u>**

L-imputat Aaron Camilleri filwaqt li fic-citazzjoni kien akkuzat ukoll b'komplicità fl-istupru ta' Amanda Parisa Antolini, dan ir-reat ma huwiex indikat fil-konfront tieghu fl-artikoli. Isegwi ghalhekk awtomatikament li la mhux indikat fl-artikoli, l-imputat ma jistax jinstab hati ta tali reat la bhala awtur u lanqas bhala komplici.

Fir-rigward tar-reat ta' **sekwestru aggravat** (artikoli 86 u 87(1)(g) tal-Kodici Kriminali), ma hemm ebda prova li huwa ssekwestra lil Amanda Parisa Antolini jew li ghen, b'xi mod, lil xi wiehed mill-ko-imputati f'xi sekwestru. Lanqas ma jirrizulta li Amanda Parisa Antolini giet sekwestrata.

Fir-rigward tar-reat ta' **attentat vjolent ghall-pudur** (artikolu 207 tal-Kodici Kriminali), ma jirrizulta minn imkien mill-provi ammissibbli li huwa kkommetta xi att kontra l-pudur.

Fir-rigward tar-reat ta' **offiza ghall-pudur jew ghall-morali maghmula fil-pubbliku** (artikolu 209 tal-Kodici Kriminali), la ma jirrizultax li huwa ghamel xi att kontra l-pudur jew kontra l-morali, ma jistax jinstab li dan sehh f'post pubbliku jew post espost ghall-pubbliku.

**Paul Xerri**

L-imputat Paul Xerri gie akkuzat bir-reati ta' (i) sekwestru aggravat; (ii) attentat vjolent ghall-pudur; (iii) offiza ghall-pudur jew ghall-morali maghmula fil-pubbliku; u (iv) komplicita` fi stupru.

Fir-rigward tar-reat ta' **sekwestru aggravat** (artikoli 86 u 87(1)(g) tal-Kodici Kriminali), ma hemm ebda prova li huwa ssekwestra lil Amanda Parisa Antolini jew li ghen, b'xi mod, lil xi wiehed mill-ko-imputati f'xi sekwestru. Lanqas ma jirrizulta li Amanda Parisa Antolini giet sekwestrata.

Fir-rigward tar-reat ta' **attentat vjolent ghall-pudur** (artikolu 207 tal-Kodici Kriminali), ma jirrizulta minn imkien mill-provi ammissibbli li huwa kkommetta xi att kontra l-pudur. Anke li kieku kkommetta tali att, in kwantu wiehed mill-elementi ta' dan ir-reat huwa l-vjolenza, xorta ma jista' qatt jinstab hati ta' dan ir-reat. Il-vjolenza – cioe` nuqqas ta' kunsens jew nuqqas ta' volonta` – ma tirrizultax mill-provi.

Fir-rigward tar-reat ta' **offiza ghall-pudur jew ghall-morali maghmula fil-pubbliku** (artikolu 209 tal-Kodici Kriminali), ma jirrizulta minn imkien mill-provi ammissibbli li huwa ghamel xi att kontra l-pudur jew kontra l-morali u ghalhekk ma sehhx f'post pubbliku jew post espost ghall-pubbliku. Il-prosekuzzjoni ma ressqet ebda prova dwar il-fond u l-accessibilita` tal-istess fond fejn sehhew l-atti allegati minnha.

Fir-rigward tar-reat ta' **komplicita` fi stupru** (artikoli 42(d) u 198 tal-Kodici Kriminali), jibda' biex jinghad li l-Avukat Generali, bl-indikazzjoni tal-artikolu 42(d), qieghed jikkoncedi li l-imputat Paul Xerri ma ppartecipax attivament fl-allegat istupru. Jidher li skont l-Avukat Generali l-imputat xjentement ghen lil xi hadd, presumibilment lill-imputat Cutajar, biex l-allegat stupru jigi preparat jew ikkunsmat. A parti mill-fatt li ma hemmx hjiel ta' prova li f'dan il-kaz gie kommess xi stupru, wisq inqas tezisti prova li l-imputat Paul Xerri, b'xi mod mhux indikat fil-paragrafi (a) sa (c) tal-artikolu 42 tal-Kodici Kriminali, ghen lil terza persuna tipprepara jew tikkonsma xi reat ta' stupru.

**DECIDE:**

Ghaldaqstant din il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' l-Artikoli 42(d), 86, 87 (1) ( g), 198, 201 (b), 207 u 209 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ma ssibx lill-imputati Aaron Camilleri, Mark Cutajar u Paul Xerri hatja u tilliberahom minn kull imputazzjoni u piena.

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**